# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Micallef**

Illum id-29 ta' Novembru 2016

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Anthony Micallef**, u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 193181M fejn ġie mixli talli : -

> 1. Fil-15 ta' Awwissu 2015 bejn it-15:30 u 1-17:00 f'Hal Luqa attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1080 Evan Xerri u WPC138 Alexia Muscat, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC1080 Evan Xerri u WPC138 Alexia Muscat, inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap

9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PC1080 Evan Seerri hekk kif iccertifikat mit-tabiba Dr. Marie Ciantar Med. Reg. 1608, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istcss data. hin, lok u cirkostanzi. minghajr il-hsicb li joqtol jew li jqieghcd il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq martu Charmaine Micallef hekk kif iccertifikat nhar is-16 t'Awwissu 2015 mit-tabiba Dr. Maria Stella Caruana Med. Reg. 2069, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex ordnijiet legittimi tal-awtorita (Pulizija ta' Malta) jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra martu Charmaine Micallef sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra Jurgen Gauci sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil martu Channaine Micallef ingurji jew theddid mhux imssemmijin band'ohra fil- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghad iIli kien xurban, qal fil-pubbliku

kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi Band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat dawn l-imputazzjonijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2016 mart l-imputat Charmaine Micallef iddikjarat li ma xtaqetx tixhed kontra żewġha u talbet lil Qorti biex teħlisha milli tixhed f'dan il-każ. Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ laqgħet it-talba tagħha.

Il-Qorti għalhekk ġiet li qajla għandha evidenza fir-rigward tal-ewwel parti tal-inċidenti li seħħew bejn l-imputat, martu u Jurgen Gauci. Gauci xehed fl-1 ta' Marzu 2016 u x-xiehda tiegħu hija totalment inutli in kwantu dan ma jagħti ebda dawl fuq dak li ġara.

Huwa ċar li wara li seħħ dan l-inċident, il-partijiet kollha involuti f'dan il-każ pruvaw jaraw kif jagħmlu biex imwetu l-effetti penali ta' dan l-inċident. Biss f'dan il-każ ma kienux involuti huma biss. Kien hemm partijiet fejn fl-inċident ġew involuti wkoll PC1080 Evan Xerri u WPC138 Alexia Muscat. Dawn iż-żewġt xiehda xehdu dwar dak li seħħ quddiemhom u stqarrew dak li semgħu u raw lill-imputat jgħid u jagħmel. B'hekk din il-Qorti għandha x-xiehda ta' dawn il-Pulizija li in bażi tagħha tista' tagħraf x'ġara fit-tieni parti tal-inċident meta ġew involuti l-Pulizija. Għalhekk il-Qorti ma għandhiex biss is-skiet tal-mara tal-imputat u r-retiċenza ta' Jurgen Gauci. Għandha x-xiehda tal-Pulizija u għalhekk sejra tanalizza kemm minn din ix-xiehda tista tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha.

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, huwa ċar mix-xiehda taż-żewġt aġenti tal-Pulizija hawn fuq imsemmija, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat stess li l-imputat kien imqanqal in konsegwenza għall-argument li kellu ma martu u ma ħuha. Iżda dawn iż-żewġt xiehda jtennu dan. Fuq mistoqsija speċifika tal-Qorti, a fol 38, PC1080 jgħid li l-imputat fl-ebda ħin ma pprova jħebb għalih. Huwa anzi jgħid li l-imputat kien iffukat fuq martu u waqt li dan l-aġent tal-Pulizija kien qiegħed jipprova jżomm lill-imputat milli jħebb għal martu f'xi mument inbarax fuq idu l-leminija fuq in-naħa ta' quddiem. Biss a fol 43 dan jgħid li ma jafx kif ġiet din il-barxa u li l-imputat ma għamilhielux intenzjonalment.

A fol 58 et WPC 138 tgħid li PC1080 kien qiegħed jipprova jżomm lill-imputat milli jħebb għal martu kif ukoll li PC1080 ġie imbuttat mill-imputat u ġie wkoll migruf. Iżda anke din ix-xhud ma tgħidx li l-imputat b'xi mod irreżistihom bi vjolenza jew b'ħebb.

F'dan l-isfond probatorju din il-Qorti ma tistax tqis din l-ewwel imputazzjoni bħala li ġiet soddifaċentement ippruvata.

Illi pero mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Għalkemm ġie pruvat soddisfaċentement li l-imputat qal il-kliem "l..a" u "pulċinelli", ma ġiex pruvat li dawn il-kliem intqalu mill-imputat versu l-Pulizija. Iżda mill-provi jirriżulta li dan ma kienx l-uniku kliem inġurjuż li stqarr l-imputat. A fol 39 PC1080 stqarr li huwa semgħa lill-imputat jgħid il-kliem lil WPC138 li waslet fuq il-post fis-sens li din ma kellhiex tindaħal bejnu u bejn martu u żied ukoll l-espressjoni : "mur ħudu f'għ... kemm għandek" lejn din l-aġent tal-Pulizija.

Din l-istess verżjoni ġiet mogħtija minn WPC138 fejn a fol 58 tgħid li meta waslet fuq il-post fejn l-imputat u martu kienu qegħdin "jiġġieldu" hija wissiethom biex jikkalmaw ftit u r-reazzjoni risposta tal-imputat lilha kienet "int tindaħalx għax din marti u mur ħudu f'għ.. kemm għandek".

Fil-fehma tal-Qorti dan l-aġir tal-imputat, kif ukoll dan il-kliem aggressiv u inġurjuż dirett lejn aġent tal-Pulizija seħħ fil-mument li WPC138 kienet qegħda tagħmel dmirha ta' aġent tal-Pulizija u l-kliem intqal mill-imputat minħabba li kienet qegħda tagħmel dak is-servizz billi kjarament marret fuq il-post biex tinvestiga x'kien qiegħed jiġri u tieħu dawn il-miżuri leġittimi sabiex jiġi ripristinat l-bon ordni pubbliku. Il-Qorti tqis li dan ir-reat ġie integrat.

Kwantu għat-tielet imputazzjoni ġie wkoll soddisfaċentement ippruvat li waqt li l-imputat kien qiegħed jipprova jħebb għal martu, PC1080 kien qiegħed jipprova jżommu milli jersaq lejn martu. F'xi mument, u minħabba dan il-fatt li l-imputat kien kjarament alterat tant li skont WPC138, a fol 59 tgħid li fl-għassa tal-Pulizija saħansitra qabad bank fejn ipoġġu n-nies, għollieh u ried jidħol fil-kamra ta' ġewwa bih meta PC1080 kien għadu qiegħed iżommu. Kien hawnhekk li skont din ix-xhud PC1080 inbarax f'idejh. Din ix-xhud tgħid li PC1080 kien qiegħed "jissielet" mal-imputat biex dan ma jkomplix iwettaq il-ħsieb tiegħu. PC1080 jikkonferma li huwa imbarax f'idu pero dan ma jirriżultax li sar b'intenzjoni da' parti tal-imputat. Ix-xiehda tat-tabiba Marie Ciantar tikkonferma li l-offiża kienet ta' natura ħafifa.

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża nhar l-10 ta' Mejju 2002 fejn ġie deċiż li:-

> Biex ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jista' jinghad li gie ppruvat, irid jirrisulta mill-provi u a sodisfazzjon tal-Qorti (ghal dak li hu l-element formali tar-reat) li l-appellant jew ried jaghmel xi hsara (zghira kemm hi zghira) fil-gisem jew fis-sahha ta' Lia (intenzjoni posttiva diretta), jew li, ghalkemm ma riedx jaghmillu hsara, ippreveda l-possibbilita` li b'dak li kien ser jaghmel seta' jikkaguna hsara u, ghalkemm ma riedx li ssir hsara, kien indifferenti1 ghall-konsegwenza ta' ghemilu b'mod li xorta gahmel l-att li kkaguna l-hsara (intenzjoni posittiva indiretta). Issa, anke jekk wiehed kellu jiehu id-deposizzjoni ta' Vincent Lia bhala li tirrispekkja ezatt dak li gara (u din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ghandha taghmel), wiehed ma jistax jghid li jirrisulta sodisfacentement pruvat, cioe` lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-appellant jew ried iwegga' lil dan Lija jew li ppreveda li seta' jwegghu u xorta ghamel l-att in kwistjoni. Dan kien kaz fejn l-appellant mar bil-karozza tal-linja tieghu vicin Lia u, b'kemm kemm jitharrek, messu bil-genb tal-vettura. Anke jekk, kif qed tallega l-prosekuzzjoni u kif jghid Lia, dan messu deliberatament – tant li, skond Lia, l-appellant qallu ghal aktar minn draba "Skuzani, bic-cajt ghamilta" – ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz la jindikaw intenzjoni li wiehed iwegga' u anqas jindikaw li s-sewwieq ippreveda l-possibilita` ta' hsara. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kaz in dizamina hu pjuttost wiehed fejn is-sewwieq naqas li jipprevedi dak li kien prevedibbli; jigifieri li kieku s-sewwieq (l-appellant) uza l-attenzjoni u l-prudenza li wiehed jistenna minn sewwieq normali, huwa kellu jintebah li b'dak li kien ser jaghmel seta' jikkaguna xi hsara lil Lia. Ghalhekk il-hsara kkagunata lil Liama kienitx dolosament kagunata, izda kienet kagunata kolposament. Isegwi ghalhekk li f'dan il-kaz ma hux applikabbli l-Artikolu 214 tal-Kodici Kriminali, izda l-Artikolu 226.

Dik il-Qorti għalhekk kienet eventwalment sabet lil Joseph Zahra ħati mhux t'offiża volontarja, iżda t'offiża involontarja in kwantu dan kien reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ipotizzat ta' offiża volontarja. Dan l-istess mod ta' ħsieb u interpretazzjoni ġiet imtennija fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Carmen Rapinett*** deċiża nhar l-14 ta' Mejju 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti tqis li l-imputat għandu jiġi misjub ħati tat-tielet imputazzjoni fis-sens li huwa kkommetta offiża

involontarja fuq il-persuna ta' natura ħafifa in kwantu dan kien reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ipotizzat ta' offiża volontarja fuq il-persuna.

Illi kwantu għar-raba imputazzjoni, jirriżulta li kien hemm argument bejn l-imputat u martu Charmaine Micallef. Iżda mill-provi ammissibbli prodotti ma hemmx evidenza li turi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li kkaġjuna l-offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Charmaine Micallef.

Il-ħames imputazzjoni tirriżulta pruvata grazzi għax-xiehda WPC138 u PC1080. A fol 61 WPC138 tgħid li kemm hi kif ukoll PC1080 pruvat jikkalmawh u tawh diversi ordnijiet inkluż biex jibdel l-attitudni tiegħu iżda l-atteġġjament tiegħu baqa' aggressiv ħafna, prinċipalment fil-konfront ta' martu. Huwa ġie msikket sabiex ma jkomplix jhedded lil martu li ser joqtolha quddiem il-Pulizija, iżda l-imputat baqa' ma ried jisma' bl-ebda mod. Dawn kienu ordnijiet leġittimi li l-Pulizija tawh u li l-imputat ma qiesx.

Is-sitt imputazzjoni hija dik tal-ħebb. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti ma għandhiex ix-xiehda ta' mart l-imputat. Fir-rigward ta' meta kienu fl-għassa tal-Pulizija l-imputat kien qiegħed jiġi miżmum minn PC1080 biex ma jħebbx għal martu. Iżda fl-istqarrija tiegħu a fol 12 l-imputat itenni li huwa imbotta lil martu. Jgħid hekk : -

> Jiena ħriġt mill-karozza u għidtilha biex ittini l-flus ħalli mmur Għawdex, **imbuttajtha** u ħuha ħaseb li konna qed niġġieldu, imbagħad jiena u hu qbadna nagħtu imma mal-mara jien ma kellix argument jew ġlied

Bid-dovut rispett, din il-Qorti tqis li l-imputat ma kellu ebda jedd li jimbotta lil martu. Meta għamel dan, huwa għamlu f'kuntest fejn kien qiegħed żġur għaddej argument bejnu u bejn martu u l-Qorti qajla temmen li huwa ma għamilx dan biex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha xi ħsara. Tant kien hekk li skont dak li qal l-imputat fl-istqarrija, anke ħuha Jurgen Gauci ħasibhom li kienu qegħdin jiġġieldu u kien għalhekk li intervjena. Il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ippruvata.

Fir-rigward tas-seba' imputazzjoni din il-Qorti għandha wkoll l-istqarrija tal-imputat minn fejn jirriżulta li huwa a fol 12 jammetti li huwa **iġġieled** ma Jurgen Gauci (u mhux ġie aggredit jew imsawwat). Din il-Qorti tqis li anke hawnhekk ladarba jammetti li huwa ġġieled ma Gauci jirriżulta integrat dan ir-reat.

It-tminn imputazzjoni hija wkoll pruvata mix-xiehda mix-xiehda ta' PC1080 fejn jirriżulta li l-espressjoni "l..a" u "pulċinelli" ġiet użata fil-konfront ta' martu u ħuha. Inoltre kemm mix-xiehda ta' PC1080 kif ukoll minn dik ta' WPC138 jirriżulta li l-imputat aġixxa bi kliem ta' theddid u b'egħmil minaċċjanti fil-konfront ta' martu, saħansitra fil-preżenza tal-istess Pulizija. Dan ir-reat jitqies integrat ukoll.

Id-disa' imputazzjoni tirriżulta pruvata in kwantu kemm PC1080 kif ukoll WPC138 semgħu lill-imputat jgħid kliem oxxen kemm fit-triq kif ukoll fl-għassa tal-Pulizija.

L-għaxar imputazzjoni hija wkoll pruvata soddisfaċentement in kwantu jirriżulta li dan l-inċident li seħħ bejn l-imputat, martu u Jurgen Gauci sawwar apprensjoni mhux biss fl-aġenti tal-Pulizija preżenti iżda wkoll fit-tifel li tant ħass li kien hemm ksur tal-bon-ordni li mar javża lil Pulizija li kienu l-għassa bl-argument li kien qiegħed iseħħ bejn l-imputat u Charmaine Micallef u Jurgen Gauci. Il-Qorti tqis li dan ir-reat ġie wkoll integrat.

## *Decide*

Li wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96, 214, 221(1), 226(1)(c), 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi qegħda ssib lil Anthony Micallef mhux ħati tal-ewwel u r-raba imputazzjonijiet stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom u fil-kontemp issibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet jiġifieri t-tieni, tielet (iżda kif intqal aktar il-fuq fis-sens li huwa kkommetta offiża involontarja fuq il-persuna ta' natura ħafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi

Kriminali in kwantu dan kien reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ipotizzat ta' offiża volontarja fuq il-persuna), il-ħames, sitt, seba', tminn, disa' u għaxar imputazzjonijiet.

Illi kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta il-Qorti qieset id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b)(d)(h) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputat, nonche l-fatt li huwa fis wara l-akkadut skuża ruħu mal-aġenti tal-Pulizija għall-aġir tiegħu dakinhar tal-inċident, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, il-Qorti qegħda tikkundanna wkoll lil ħati għal multa ta' tminn mitt euro (€800) li tista' titħallas permezz ta' rati mensili u ininterrotti ta' erbgħin euro (€40) b'dan pero li jekk ma titħallasx rata waħda l-ħati jitlef

il-benefiċċju taż-żmien konċess lilu u tkun tista' tiġi konvertita fi priġunerija skont l-Artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

***Mogħtija illum id-29 ta' Novembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***